**319. Il-Prim Ministru, l-Onor. Eddie Fenech Adami ppropona illi:**

Din il-Kamra, fil-mument storiku meta qed issir Ewropa Waħda, tafferma li l-futur politiku, ekonomiku u soċjali ta' Malta huwa marbut ma' dak ta' l-Unjoni Ewropea bħala għaqda ta' pajjiżi li jfittxu l-paċi, il-progress ekonomiku u soċjali fir-rispett tal-prinċipji tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem b'solidarjeta' bejn il-popli u bit-twettiq tal-prinċipju tas-sussidjarjeta';

Tfakkar li fil-5 ta' Diċembru, 1970 ġie ffirmat Trattat ta' Assoċjazzjoni bejn Malta u l-Komunita' Ekonomika Ewropea li kien il-bażi tal-progress ekonomiku f'pajjiżna għal aktar minn tletin sena;

Temmen li l-interess nazzjonali issa jitlob relazzjoni aktar qawwija minn xi forma ta' assoċjazzjoni;

Tfakkar li fis-16 ta' Lulju, 1990 il-Gvern Malti wettaq il-mandat li ġie mogħti mill-elettorat fl-elezzjonijiet tat-12 ta' Diċembru, 1981 u tad-9 ta' Mejju, 1987 meta ressaq it-talba formali biex Malta ssir membru tal-Komunita' Ekonomika Ewropea;

Tfakkar ukoll li l-proċess ta' sħubija, li kien ġie sospiż mill-Gvern wara l-elezzjoni tas-26 ta' Ottubru, 1996, reġa' ġie mġedded mill-Gvern ġdid li ġie elett fl-elezzjoni tal-5 ta' Settembru, 1998;

Tinnota li n-negozjati bejn il-Gvern Malti u l-Gvernijiet tal-15-il Membru ta' l-Unjoni Ewropea bdew fil-15 ta' Frar, 2000 u ntemmu b'suċċess fit-13 ta' Diċembru, 2002;

Tinnota wkoll li f'dawn in-negozjati fejn ġew trattati l-aspetti kollha kostituzzjonali, politiċi, ekonomiċi u soċjali u fejn ġew konsultati rappreżentanti ta' kull settur tal-popolazzjoni, Malta kisbet total ta' 77 arranġament speċjali li jipprovdu għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' Malta, inkluż protokol dwar l-abort, dikjarazzjoni dwar in-newtralita', dikjarazzjoni dwar Għawdex u pakkett ta' għajnuna finanzjarja;

Tapprezza li l-Gvern iqis li dan il-ftehim jipprovdi kondizzjonijiet xierqa għas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u jirrakkomandah lill-poplu Malti, u li l-Oppożizzjoni trid xi forma ta' assoċjazzjoni li mhix definita;

Tqis għalhekk li huwa xieraq li, skond il-mandat li għandu l-Gvern, dan il-ftehim li bih Malta ġiet mistiedna ssir Membru ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju, 2004, jitqiegħed għad-deċiżjoni diretta u sovrana tal-poplu Malti f'referendum;

Għalhekk din il-Kamra titlob u tawtorizza lill-Gvern isejjaħ referendum fi żmien viċin opportun u, għall-finijiet ta' l-artikolu 3 tal-Kapitolu 237 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kamra tiddeċiedi li l-mistoqsija li għandha titpoġġa għad-deċiżjoni komuni, ugwali, sigrieta u libera tal-poplu Malti fir-referendum imsemmi tkun:

"Taqbel li Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea fit-tkabbir li ser isir fl-1 ta' Mejju, 2004?"

07.01.2003